**O barżakka lewn il-ħamrija**

O barżakka tal-meravilji
x'naqbad ngħidlek, tħallini bla kliem,
dak ismek ħelu ħelu
suritek waħedha tagħtini s-sliem!

Niftakrek tiġi għadni
emminni ngħidlek ma nafx kif
Naf biss li mara twajba,
ġabitek għandi għax lili trid.

Ma nafx, forsi kont qed taħseb
li se tibqa' fuq l-ogħla xkaffa?
Imma kun af barżakka ċkejkna,
int intgħażilt biex twassal l-imħabba.

Dik l-imħabba li taf toħroġ
meta tingħata l-Kurunella,
jew inkella d-domna mirakoluża
li taf tieħu persuna fil-kappella.

O barżakka tant qaddisa
int żgur mingħand Alla ħriġt,
kemm ġrejt fuq li ġrejt wara nies,
o kemm dejjem iċċekkint!

Barżakka ħelwa u ordinarja
int stħaqqlek terfa' s-Sultan,
u miegħu terfa' l-Ommu
kulfejn tkun tagħmel lill-bniedem ferħan.

Daqqa tidħol f'dik is-sala
daqqa tfeġġ għal ġol-oħra,
o barżakka kollok imħabba
tibdel f'ħelwa l-qalb morra.

U l-piż tiegħek kemm iferraħ
lill-Patri li jerfgħek spiss,
int lilu tfarraġ u tferraħ
u ġieli ċċanfru kif imiss.

Għax int ja barżakka,
dejjem toqgħod mal-Mulej,
tishar il-jum kollu
u dejjem taħseb fiż-żmien li ġej.

Barżakka mbierka li tferraħ
tant nies fl-Onkoloġija,

dejjem għaddejja taħdem
minn filgħodu sa filgħaxija.

Barżakka issa li ġej illejl
ipprova agħlaq ftit għajn m'għajn,
ħalli għada tqum tfaħħar
lil min ħalqek lewn it-tajn.

Barżakka farraġ lill-pazjenti
għidilhom kliem ta' mħabba,
ismagħhom meta muġugħa,
fakkarhom li fihom is-sliem jitrabba.

Meta jieħdu bis-serjetà
dak li int jogħġbok toffrilhom,
u meta jħossuhom imkissra
ħinek qis li dejjem toffrilhom.

Barżakka mbierka li ġejt mogħtija
minn qalb kbira u ġeneruża,
fittex biss li tkun bħal Sidek
il-Mulej ta' qalb majestuża.

Ibqa' miegħu iġri iġri
kemm tiflaħ f'kull rokna u triq,
iġri iġri ja barżakka, ħobb lill-poplu
għax m'għandux ikollok kwiet.

Sakemm tara lill-ulied kollha
li jinġabru għand Missierna,
li jridilna biss is-saħħa
u jimla b'imħabbtu dawn jiemna.

Li fuq l-art aqta' kif jgħaddu
u int barżakka dan tafu tajjeb,
kemm tara nies li jħalluna
l-aktar minn saħħtu hu tant dgħajjef.

Barżakka sbejħa u siekta
ibqa' innota b'dawk għajnejk,
ibqa' ħoss il-qalb tal-poplu
iftaħ b'imħabba dawk widnejk.

Hawn iridek il-poplu tagħna
li tkun miegħu, ma titilqux,
ibqa' mexxi, terraq għallem
wieżnu anki meta l-piż ma jifilħux.

Barżakka tinsiex lil David
li min jaf kemm kien jgħożżok,

fik kien jitfa' iċ-ċagħkiet tiegħu
mal-arpa kien jiftgħek għax iħobbok.

U min jaf kemm miegħu
int għannejt għanjiet mill-isbaħ,
lill-Mulej b'dawk il-ġmiel ta' salmi
ibda' millejl sa ma jisbaħ.

O Barżakka ma nafx x'qed jiġrili
imma jien jeħtieġli nkellmek,
mhux aktar bil-vers tal-proża
imma ta' poeżija li sserħek.

Naf li dan kollu qed iseħħ
għax fik jgħammar Alla ħanin,
naf ukoll li qed tgħidu:
"Lil Patri nebbħu bħal Sant'Antin".

Għalkemm dak lil ħut ippriedka
u dawn ilkoll telgħu jisimgħuh,
agħmlu bħalek ja barżakka
anki meta lil Patri jitimgħuh.

Grazzi li inti qiegħda
b'imħabba kbira tissapportini,
o barżakka f'jum twelidi,
qis li tkun ħdejja u tkun ħanini.

Li twassalni biex niltaqa'
mal-kbir Sultan Sid il-bnedmin,
fil-ħaqq li se jkolli fi tmiem ħajti
għaddili kelma ħa nidħol mal-ħenjin.

Patri Mario Attard OFM Cap
25 ta' Settembru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.